**31 ta' Ottubru, 1964**

**Imħallef:**

**Onor. Edoardo Magri, LL.D.**

Mario Blackman

*versus*

Terence Edward Crossey

**Mandat ta' inibizzjoni — Art. 876, Kodiċi tal-Proċedura Ċivili — Art. 451 u 456(2), Kodiċi Ċivili.**

*L-elementi li għandhom jirrikorru sabiex ikun jista' jiġi spedit il-mandat ta' inibizzjoni huma:*

*1) ir-rikorrenza ta' wieħed minn dawn il-fatti: illi persuna tibda jew tissokta tibni bini jew xogħol ieħor, jew tħott jew tagħmel tibdil f'bini jew xogħol ieħor, jew tagħmel xi ħaġa li tista' tkun ta' ħsara lill-parti illi titlob il-ħruġ tal-mandat;*

*2) ikun jidher "prima facie" li r-rikorrent għandu dritt jimpedixxi lill-esekutat illi jagħmel dik il-ħaġa li biha jista' jirrekalu ħsara jew molestja; u*

*3) illi l-mandat ikun neċessarju sabiex jiġi konservat dak id-dritt tar-rikorrent.*

Il-Qorti,

Omissis.

Ikkunsidrat:

Li skond l-art. 876 tal-Proċedura Ċivili l-iskop tal-man-

dat *tal-inibizzjoni* huwa dak li jżomm persuna *milli tibda jew* tissokta tibni bini jew xogħol ieħor, inkella milli tħott jew tagħmel tibdil f'bini jew xogħol ieħor... jew li tagħmel xi ħaġa li tista' tkun ta' ħsara lill-parti li titlob il-ħruġ tal-mandat; u l-Qorti m'għandhiex toħroġ dana l-mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dana l-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dana r-rikorrent "prima facie" jidher li għandu dana d-dritt.

Li għalhekk tlieta huma l-elementi li *għandhom* jikkonkorru biex ikun jista' jiġi spedit il-mandat in kwistjoni:—

1) ir-rikorrenza ta' wieħed mill-fatti fuq enumerati *iġifieri li l-esekutat Crossey qiegħed jagħmel xi ħaġa li tista tkun ta'* ħsara jew molestja lir-rikorrent;

2) li jkun jidher "prima facie" li r-rikorrent għandu dritt jimpedixxi lill-esekutat li jagħmel dik il-ħaġa li biha jista' jarrekalu ħsara jew *molestja;*

3) li mandat ikun neċessarju biex jiġi konservat dak id-dritt tar-rikorrent.

Ikkunsidrat:

Li l-esekutat, bil-ħajt li qiegħed itella' ma jidhirx "prima facie" li jista' jikkostitwixxi xi perikolu jew molestja anki probabbli, għall-esekutat jew għall-bini tiegħu. Infatti, f'dana l-istadju tal-provi, jidher li l-esekutat għandu d-dritt jgħolli l-ħajt komuni skond l-art. 451 tal-Kodiċi Ċivili; inoltri, f'dana l-każ ma tidhirx applikabbli d-dispożizzjoni tal-art. 456(2) tal-Kodiċi Ċivili (Laurent — *Principi di Dto. Civ. Vol. VII,* n. 559; Kollez. XXIV, i, 451; Qorti ta' Għawdex in re "Portelli vs. Attard" deċiża 20 ta' Ġunju, 1877 — *riportata* fil-Cremona "Raccolta della Ġurisprudenza sul Codice Civile", p...

325); u dana, ukoll, jingħad għaliex id-dritt tal-esekutant li jisserva mill-ħajt komuni bil-mod li huwa determinat mil-liġi, ma ġiex preġudikat jew menomat bl-erezzjoni tal-ħajt esegwita mill-esekutat (Cassazione, Roma, 14 Febbraio 1912 "Farnese — Rodriquez", Repertorio Bettini 1912, "Azione Possessoria" No. 27).

Għal dawna l-motivi:

Tiċħad it-talba bl-ispejjeż kontra r-rikorrent.